Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2145(DEC)

24.11.2025

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2025/2145(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Raquel García Hermida-Van Der Walle

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali tal-Unjoni u l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza fl-attivitajiet kollha skont l-Artikolu 8 tat-TFUE, filwaqt li tistabbilixxi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; billi l-baġits mhumiex newtrali għall-ġeneru u jridu jitfasslu u jitwettqu bl-objettiv tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

B. billi l-Parlament ripetutament talab lill-Kummissjoni tippromwovi u timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, inkluż l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri, fil-politiki kollha tal-Unjoni;

C. billi l-Kummissjoni għadha ma analizzatx jekk ikunx xieraq li perċentwal tal-baġit tal-UE jiġi propost biex jappoġġja l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

1. Jirrikonoxxi l-impenn tal-Unjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-titjib tal-metodoloġija għat-traċċar tan-nefqa fuq il-ġeneri; jiddispjaċih li l-metodoloġija tal-Kummissjoni għadha insuffiċjenti, peress li ma tkoprix l-effetti negattivi u f'20 % tal-każijiet tħalli inċertezza rigward l-impatt tagħha fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-metodoloġija u ssegwi l-impatti negattivi;

2. Jilqa' l-aġġornament tal-linji gwida u s-sett ta' għodod għal regolamentazzjoni aħjar. jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress fit-twettiq ta' analiżijiet tal-ġeneru tal-ħtiġijiet u l-impatti għall-programmi ta' finanzjament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni twettaq dawn l-analiżijiet konsistentement; jagħtiha istruzzjonijiet biex tibda l-valutazzjoni tal-impatt tal-QFP li jmiss, inklużi l-analiżijiet tal-ġeneru;

3. Jinnota li l-informazzjoni dwar l-impatt fuq il-ġeneri tal-baġit tal-UE għadha insuffiċjenti; jiġbed l-attenzjoni dwar nuqqasijiet fil-ġbir, rappurtar u evalwazzjoni manwali tad-data diżaggregata skont il-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-kwalità tad-data;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza liema perċentwal tal-baġit tal-UE għandu jappoġġja l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jappella wkoll għal objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fil-leġiżlazzjoni futura kollha, inkluż il-QFP li jmiss.